MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Talba Numru. 286/2006

**Anthony Mifsud**
**(ID 56047M)**

**Vs**

**Charles Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta` April, 2006 fejn l-attur qed jitlob sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihalsu s-somma ta` elf, mitejn u tmienja u hamsin lira, erbgha u sittin centezmu (Lm1,258.64) rapprezentanti valur ta` laham mibjugh u konsenjat lill-konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali prezentata ai termini ta` l-artikolu 166A Kapitolu 12 li ggib in-numru 8591/05 datata 7 ta` Ottubru, 2005 u ta` l-ittra bonarja datata 30 ta` Awissu, 2005 u bl-imghax legali dekorribbli mit-2 ta` Lulju, 2004 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 25 ta` Lulju, 2006 fejn giet kontestata t-talba attrici u jinsisti li bejn is-sena 2002 u 2004 ma kienx ghadu qed jiggestixxi tali negozju tant illi huwa kien irrinunzja ghal kirja tal-fond fid-19 ta` Novembru, 2001. Illi l-merkanzija jew l-ordni in kwistjoni ma kienitx awtorizzata mill-eccippjent. B'riserva ghal prezentata ta` eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezamina l-provi migjuba nkluz id-dokumenti esebiti.

Jinnota li ghalkemm il-konvenut nghata l-opportunita` li jressaq il-provi tieghu in sostenn tal-kontestazzjoni minnu mressqa fis-seduta tat-2 ta` April, 2007 huwa naqas li jaghmel dan u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta` ostakolu.

Ikkunsidra.

Illi l-attur ressaq il-provi tieghu b'diversi affidavits. Huwa jghid li Charles Zammit kien klijent regolari tieghu u li kien jixtri l-laham minghandu ghal hanut li kellu f'tas-Sliema. Jikkonferma li l-fatturi u l-ircevuti dejjem hargu fuq isem il-konvenut ghalkemm gieli kien jghaddi ghalih ibnu Mark ma` xi lavrant. Illi anke l-hlas permezz ta` cheques kienu jsiru mill-konvenut. Meta waqa` lura fil-pagamenti, il-konvenut kien informah li kien sejjer ihallas u qatt ma nnega li l-laham kien tieghu. L-attur ezebixxa diversi fatturi a fol 17 et seq tal-process mnejn jirrizulta li dawn inhargu fuq il-konvenut u jinsabu datati minn Mejju 2004 `il quddiem. Alfred Mifsud li jigi hu l-attur ikkonferma li l-konvenut kien jixtri l-laham minghandhom u li huma kienu jafu biss lilu. L-istess gie konfermat minn Stephen Mifsud bin l-attur li kkonferma wkoll li l-laham kien ghall-ewwel jingabar minn missier il-konvenut u in segwitu minn iben l-istess konvenut.

Gie prezentat ukoll l-affidavit ta` Alfred Azzopardi li kien jahdem bhala lavrant ma` l-istess konvenut u li kkonferma li huwa kien jigbor il-laham kemm mill-biccerija u kemm mill-attur u dana dejjem ghall-istess konvenut. Fil-fatt l-ircevuti dejjem hargu fuq isem l-istess konvenut. Impjegat

iehor tal-konvenut li pprezenta x-xhieda tieghu tramite l-affidavit kien Alphonse Grech. Huwa jghid li dam impjegat tal-konvenut ghal madwar 30 sena u spicca xi erba` snin ilu. Isostni li l-konvenut kien jixtri l-laham regolarment minghand l-attur. Dan kien jingabar minghand l-attur sew minnu stess wahdu u sew anke fil-kumpanija ta` iben il-konvenut jismu Mark. Kull meta kien jigbor il-laham dan dejjem ghamlu f'isem il-konvenut. Anthony Mifsud ukoll jikkonferma li gieli ghabba l-laham fil-vann tal-konvenut jew mar bih hu stess fil-hanut tal-konvenut.

Illi in vista tal-provi hawn fuq migjuba mill-attur it-Tribunal jidhirlu li l-attur irnexxielu ampjament jipprova l-kaz tieghu partikolarment meta tqis li l-konvenut ma ressaq ebda prova kontrarja u / jew in sostenn tar-risposta tieghu.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, kwindi jilqa` it-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma mitluba ta` elf, mitejn tmienja u hamsin lira erbgha u sittin centezmu (Lm1,258.64) bl-imghax legali dekorribbli mit-2 ta` Lulju, 2004 u bl-ispejjes kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------